MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 174/2004

**Dr. Carmelo, Philip, Michael u Jessie xebba ahwa Vella**

**vs**

**Direttur tal-Akkomazzjoni Socjali u Leonard Muscat u Leonardo Calleja rispettivament bhala President u Segretarju tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Dr. Carmelo, Philip, Michael u Jessie xebba ahwa Vella fejn huma ppremettew :-

Illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Dicembru 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Carmel Vella et vs. Segretarju tad-Djar et" il-Qorti laqghet l-ewwel u it-tieni talba ta' l-attur u ordnat lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u d-diretturi l-ohra sabiex jirrilaxxaw il-pussess u d-detenzjoni tal-fond 18 St John's Alley, Hal Kirkop u 1-gnien li jmiss mal-istess fond u mal-fond Nru 14 Kirkop Square, Kirkop lill-atturi fi zmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Illi minhabba diversi manuvri legali ghall liema irrikorrew il-konvenuti din is-sentenza baqghet ma tistghax tigi esegwieta ghalkemm ghaddiet in gudikat;

Illi l-esponenti ghandhom interess jghaddu ghall esekuzzjoni tal-istess sentenza;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti joghgobha tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Dicembru 1993;

Rat ir-risposta tal-intimati Leonard Muscat u Leonard Calleja bhala President u Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal Kirkop fejn huma ssottomettew :

1. Illi l-presentata tar-rikors odjern hija wahda irrita u nulla stante illi ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti m'hix "il-qorti kompetenti" halli tisma dan ir-rikors stante illi l-unika qorti kompetenti ghal dan 1-iskop hija ta' 1-Qorti tal-AppeIl li kienet il-qorti li erogat is-sentenza de quo. Isegwi ghalhekk qorti tal-prim'istanza qatt ma tista' tirrendi esegwibbli sentenza ta' qorti aktar superjuri minnha. Ghalhekk hija 1-Qorti ta' l-Appell biss li tista' terga' tirrendi esegwibbli tali sentenza;

2. Illi hemm ukoll in-nullita' tar-rikors promutur stante illi fil-kawza li qieghedha tintalab 1-esekuzzjoni taghha kien hemm is-Segretarju tad-Djar u m'hux Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali hekk kif gie citat mill-istess rikorrenti;

3. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jinformaw li dina 1-Onorabbli Qorti illi huma inizzjaw proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Applikazzjoni Numru PP2050) dwar il-mertu kostituzzjonali illi gie deciz fil-qrati kostituzzjonali hawn Malta;

In vista ta' dan, l-esponenti jhossu illi f'kaz illi l-Qorti tilqa' t-talba illi tigi esegwibbli din is-sentenza 1-esponenti se jsofru pregudizzju fil-kawza intavolata minnhom quddiem il-Qorti Ewropeja ghaliex jekk din ikollha ezitu favorevoli ghalihom dan ma jkun ifisser xejn galadarba huma jkunu gja' gew zgombrati mill-fond in kwistjoni;

Ghaldaqstant 1-imsemmija intimati talbu li dina l-Qorti tirrespingi t-talba tar-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2005 minn fejn irrizulta li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti ahwa Vella jghamlu referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Dicembru 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Carmel Vella et vs. Segretarju tad-Djar et". Ir-rikorrenti jippremettu li huma ghandhom interess li l-imsemmija sentenza tigi esegwita. Ghalhekk huma talbu li tigi ordnata l-esekuzzjoni tal-istess sentenza;

Fir-risposta l-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal Kirkop fl-ewwel lok jissottometti li r-rikors promotur hu null stante li ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-qorti kompetenti hi 1-Qorti tal-Appell. Din is-sottomissjoni ma tistax tigi akkolta in vista tal-provedimenti tal-artikolu 265 dejjem tal-Kapitolu 12 minn fejn jirrizulta li din il-Qorti hi kompetenti biex tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwestjoni stante li fil-kaz in esami l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet irriformat is-

sentenza tal-qorti tal-prima istanza billi in parte giet konfermata u in parte giet revokata;

It-tieni sottomissjoni tal-kazin intimat lanqas ma tista tigi akkolta peress li s-Segretarju tad-Djar illum huwa mgharuf bhala Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u ghalhekk dawn huma l-istess persuna guridika.

Jirrizulta li l-kawzi li ghalihom il-kazin intimat jghamel referenza fir-risposta tieghu issa gew kollha finalment decizi u ma jirrizulta ebda ostakolu sabiex s-sentenza in kwestjoni tigi esegwita;

In vista ta dan kollu u peress li t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati, dawn l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad is-sottomissjonijiet kollha tal-intimati Kazin tal-Banda San Leonardo ta’ Hal Kirkop u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha tar-rikorenti u tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija fir-rikors tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta’ Dicembru 1993;

Spejjez kollha kontra l-Kazin tal-Banda intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------